**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 467/16 AL

**Ab**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EC 1;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled zewgt ulied;

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni

personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgha (2007) fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EC 2' u dan wara li gew awtorizzati permezz ta' digriet opportun;

4. Illi r-rikorrenti ilhom separati legalment ghal iktar minn tmien (8) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt surreferit l-kontendenti qablu illi Gwynneth Lynn hija ezenti milli thallas manteniment ghal binhom li dak iz-zmien kien minuri stante li kienet ser titlaq minn Malta u stante li kienet dizokkupata filwaqt li ir-rikorrenti irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu u/jew jitolbu manteniment minghand xulxin.

6. Illi konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta' manteniment;

7. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Ottubru 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Ottubru 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.